C/2026/4819

10.9.2026

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.12613 – PG / EURAZEO / AROMA-ZONE / LH 91)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(C/2026/4819)

1. Fis-27 ta' Awwissu 2026, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Din in-notifika tikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Partners Group AG ("PG", l-Iżvizzera), u

— Eurazeo S.E. ("'Eurazeo'", Franza).

PG u Eurazeo se jakkwistaw, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) u l-Artikolu 3(4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll konġunt ta' Aroma Zone Topco SAS ("Aroma-Zone"), u ta' Legendre Holding 91 SAS ("LH91").

Il-konċentrazzjoni titwettaq permezz tax-xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma li ġejjin:

— PG hija ditta globali tal-ġestjoni tal-investiment b'assi mmaniġġjati fl-ekwità privata, fl-infrastruttura privata, fid-dejn, fir-royalties u fil-proprjetà immobbli,

— Eurazeo hija kumpanija ta' investiment ikkwotata f'assi diversifikati. Hija għandha tliet attivitajiet ewlenin: l-ekwità privata, id-dejn privat u l-assi reali. Eurazeo tikkontrolla waħedha lil LH 91, kumpanija azzjonarja, u lil Aroma-Zone, bejjiegħ bl-imnut ta' kożmetiċi naturali, żjut essenzjali, supplimenti, prodotti tal-aromaterapija u soluzzjonijiet tal-benessri, li jbigħ direttament lill-klijenti permezz tal-pjattaforma online u l-ħwienet tal-bejgħ bl-imnut tagħha.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar trattament issimplifikat għal ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 dwar il-kontroll ta' konċentrazzjonijiet bejn impriżi ([2]) għandu jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lill-partijiet terzi interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar il-konċentrazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn 10 ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Ir-referenza li ġejja għandha dejjem tiġi speċifikata:

M.12613 — PG / EURAZEO / AROMA-ZONE / LH 91

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni bl-email jew bil-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Indirizz Postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 160, 5.5.2023, p. 1.